**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**31 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 123/2021**

**Amanda Vassallo Tanti**

**Vs**

**L-Awtorita` ta' l-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' l-Awtorita` ta' l-Artijiet ipprezentat fl-4 ta Jannar 2022 li permezz tieghu talbet tipprezenta r-risposta taghha wara li ghadda t-terminu ghall-prezentata tal-istess risposta;

Ra r-risposta ta' Amanda Vassallo Tanti pprezentata fit-13 ta' Jannar 2022 fejn opponiet ghal din it-talba u dana ghar-ragunijiet imressqa fl-istess risposta;

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-Awtorita` intimata giet notifikata bl-appell tar-rikorrenti fit-3 ta' Dicembru 2021. Wara li ghaddew l-ghoxrin (20) gurnata zmien ghall-prezentata tar-risposta, it-Tribunal ghadda biex jappunta l-istess rikors ghall-31 ta' Dicembru 2021. L-Avviz tas-Smiegh jirrizulta li gie notifikat lill-Awtorita` intimata fit-28 ta' Dicembru 2021.

Illi fir-rikors taghha, l-Awtorita` tal-Artijiet issottomettiet illi r-raguni tan-nuqqas taghha milli tipprezenta risposta fil-hin kien dovut ghall-fatt li numru ta' persuni kienu indisposti jew fi kwarantini u ghalhekk ir-rikors ma ngabx ghall-attenzjoni tar-rapprezentant legali taghha.

Illi t-Tribunal josserva illi d-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "**Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo**" deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-19 ta' Mejju 1937 (Vol. XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*
*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*
*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;*
*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisiti f'impediment legittimu;*
*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*
*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;*
*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescendibili",*
*(8) l-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezjonalment biss tista' tkun morali."* (Dawn l-istess principji gew ribaditi wkoll fis-sentenza **Joseph Naudi Montalto vs Emanuel Xuereb**, deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fis-27 ta' Frar 1995 u fil-kaz **Tal Franciz Construction Limited vs Michale Ciappara**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2013.)

Illi t-Tribunal josserva illi fl-istess zminijiet l-Awtorita` intimata pprezentat quddiem dan it-Tribunal ghadd ta' risposti ohra f'rikorsi ohra, liema rikorsi wkoll kienu appuntati ghall-ewwel dehra ghall-31 ta' Dicembru 2021.[1] Illi ghalhekk ir-ragunijiet migjuba mill-istess Awtorita` m'ghandhomx mis-sewwa. Illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument kien hemm xi impjegati li kienu kwarantina, l-Awtortia` ghandha d-dover li jkollha mekkanizmu fis-sehh biex malli tircievi atti tal-Qorti dawn jinghtaw l-importanza dovuta anke jekk ikun hemm nuqqas ta' rizorsi umani fl-istess Awtorita`. Illi pero` dan ma jirrizultax li kien il-kaz, stante li kif it-Tribunal qal iktar 'il fuq, proprju fl-istess zminijiet li gie notifikat dan ir-rikors gew notifikati wkoll rikorsi ohra li ghalihom l-Awtorita` intimata rrispondiet fit-terminu.

Ghaldaqtant, it-Tribunal m'huwiex tal-fehma illi r-ragunijiet imressqa mill-Awtorita` intimata jimmeritaw li jigu milqugha bhala gustifikazzjoni ghall-kontumacja taghha.

[1] Rikorsi Numri 126/21, 127/21, 128/21, 129/21, 130/21, 131/21, 132/21 u 133/21

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-vertenza billi **jiċħad it-talba** tal-Awtorita` intimata li tingħata l-jedd li tikkontesta l-kawża, u dan billi l-kontumaċja tagħha ma kinitx ġustifikata, iżda dejjem mingħajr preġudizzju għall-jeddijiet mogħtija lilha bis-saħħa tal-artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-Awtorita` intimata.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**